Minuti tal-Laqgħa Nru. 30 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar il-Ġimgħa 17 ta' Novembru 2017 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sra. Denise Cutajar<br>Is-Sur Eric Camilleri<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri<br>Is-Sur. Victor Caruana |
| Skużati | Is-Sinjura Lucia Massa<br>Is-Sur. Kearon Bruno |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Finishing tal-Lattrina
5. Ħarġa għall Għawdex
6. Xogħolijiet
7. Attivitajiet għall Istrina
8. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
9. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti kienu ipproponuti mill-Kunsillier Camilleri u ssekondati mill-Kunsillier Caruana.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Il-Kunsillier Caruana semma li fuq punt 7.5 qal li kien hemm it-trab fejn hemm it-toilet u l-bieb li kien hemm jagħti għall bitħa spiċċa għax tħalla miftuħ u ħa ħafna ilma. Is-Sindku irrisponda li minn naħa tagħna ħadna l-passi neċessarji u ħriġna żewġ default notices. Huwa qal li dan biex jitkeċċa hemm tlieta. Is-Sindku qal li f' każ li jinħareġ it-tielet default notice jitwaqqaf il-kuntratt u sakemm jinstab kuntrattur ieħor jnaddfuha il-ħaddiema tal-Kunsill.

2.2 Il-Kunsillier Caruana semma li din il-lattrina għandha bżonn ħafna tiswijiet. Is-Sindku qal li l-aħjar isir refurbishment tal-lattrina kollha.

2.3 Il-Kunsillier Caruana reġa irrefera għall punt 3.17 tal-minuti preċedenti peress li kien għad fadal id-dlam. Is-Sindku semma li huwa kien mar fil-post u sab li hemm bozza. Huwa qal li ma nistgħux nagħmlu bozoz kemm irridu u anki minħabba l-vultaġġ għax dan jista jkun t' inkonvenjent għar residenti.

2.4 Is-Sindku saqsa kif konna bqajna fuq il-bike rack li kellha ssir fejn hemm l-Airport. Is-Segretarju qal li kien bagħat email lil minn kien għamel it-talba u dan talab biex niltaqgħu miegħu.

2.5 Il-Kunsillier Caruana saqsa kif konna bqajna fuq il-pixxaturi tal-irġiel li kien hemm fil-lattrina billi dawn kellu jsirilhom l-ilma li jbixx biex jaħsilhom. Is-Segretarju semma li kien ġab l-electrician u se jkunu qed ifittxu għall xi fittings apposta. Il-Kunsillier Caruana semma li l-kuntrattur tal-lattrina mhux qed jaħsel il-lattrina u jżommha nadifa. Huwa semma li dan qatt ma ltaqa miegħu u tinsab fi stat ħażin ħafna. Is-Segretarju qallu li huwa kellu jlestielu rapport ta' kif din il-lattrina kienet qed tinżamm.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bozza f' salib it-toroq Triq San Ġorġ ma Triq Dun Pawl li hija maqtugħa.

3.2 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bżonn isir patching fi Triq Valletta.

3.4 Il-Viċi Sindku qalet li kienu kellmuha xi nies li jużaw il-Pyramid Childcare Centre għax kien hemm xi spazji mhux qed jintużaw minħabba li qed isir kostruzzjoni u jsiru għalhekk bojod.

3.5 Il-Kunsillier Camilleri semma li hemm xi kaxxa Triq Mikelang Sapiano biex din titressaq minn fejn hi.

3.6 Il-Kunsillier Camilleri semma li d-dawl tal-Housing Estate ta' Ħal Farruġ kien reġa inqatta matul il-lejl. Il-Kunsillier Caruana semma li l-aħjar ħaġa hija li jinbidlu r-reflectors għax dawn antiki u faċli jfaqqgħu.

3.7 Is-Sindku ressaq poster bl-isem Solidarity Walk li fih jistgħu jattendu kull minn huwa interessat.

3.8 Is-Sindku ressaq poster fuq kunċert li kien se jsir mis-St. Paul's Children Ensemble.

3.9 Is-Sindku qara li kien hemm email mill-AKL fuq reċiviment li kien se jkun għall Kunsilliera u Segretarji lejn l-aħħar ta' Diċembru sabiex dawk interessati jħallu risposta.

3.10 Il-Kunsillier Caruana ssuġġerrixxa biex fl-okkażżjoni tal-Milied nistgħu nagħmlu l-ikla ta nofsinhar is-Seabank għax għandhom ikel tajjeb. Is-Sindku saqsa lill-Kunsilliera meta tkun l-aħjar ġurnata. Huma ipproponew biex issir fis-17 ta' Diċembru.

3.11 Il-Viċi Sindku semmiet li se jerġgħu jsiru l-lezzjonijiet taz-Zumba.

3.12 Il-Viċi Sindku semmiet li nistgħu norganniżaw ħarġa għall Popeye' s Village bil-ġenituri mat-tfal. Hija ssuġġeriet ukoll l-Malta Aquarium bħala post u nistgħu naraw inġibux prezzijiet għaż żewġ attrazzjonijiet skont liem huma l-aktar konvenjenti. Is-Sindku semma li din il-ħarġa tista ssir fit-13 ta' Diċembru.

3.13 Il-Viċi Sindku saqsiet jekk ir-residential parking humiex legal binding. Is-Sindku qal li dawn ġew sospiżi minħabba li kien inqala rapport fuq is-sitwazzjoni li kien hemm fil-Gudja.

3.14 Il-Viċi Sindku qalet li fi Triq l-Iskola hemm wire li huwa perikoluż. Is-Sindku qal li huwa stess se jmur biex jiċċekkjah.

3.15 Il-Viċi Sindku uriet stampa ta litter bins li huma forma t' annimali ikkuluriti. Hija qalet li dawn ikunu sbieħ jekk nagħmluhom fil-Bandli. Hija qalet li dawn il-bins ikunu eliġibbli biex ningħataw re imbursement minn naħa tar-Reġjun.

## 4.0 FINISHING TAL-LATTRINA

4.1 Is-Sindku semma li l-kostruzzjoni tal-lattrina saret u issa wasal biex jibda x-xogħol fuq il-finishing.

## 5.0 ĦARĠA GĦALL GĦAWDEX

5.1 Is-Sindku semma li se ssir ħarġa għall Għawdex fl-okkażżjoni tal-festa tal-Fontana. Huwa qal li f' din l-okkażżjoni nistgħu nitilqu minn Ħal Luqa fis-7.00 am u noqgħodu għall Quddiesa tal-festa li ser issir wara nofsinhar.

## 6.0 XOGĦOLIJIET

6.1 Is-Sindku semma li bdejna ix-xogħolijiet tar-resurfacing ta' Triq il-Mitjar biex din terġa tingħata t-tarmac. Huwa qal li minn naħa tar-Reġjun ser ningħataw madwar €10,000 sabiex dawn inkunu nistgħu nużawhom għas servizzi tal-ilma.

6.2 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm xi siġar fejn hemm is-soft area ta' Triq il-Mitjar li dawn qed jkerrhu u jtellfu lill minn ikun qed isuq. Huwa qal li idealment dawn jinqalgħu.

6.3 Il-Kunsillier Caruana qal li fejn issir il-bankina trid issir sulletta biex it-tarmac jaħbat magħha. Is-Sindku qal li huwa diġà ħa ħsieb fuq din u se jikkordina mal-kuntrattur.

6.4 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bżonn issir roundabout fi Triq Ġużeppi Ellul kantuniera ma Triq Ġorġ Zahra. Is-Sindku semma li din il-parti qed jikkonsidra biex issir xi ħaġa li biha l-karozzi jnaqqsu l-veloċita u l-mod kif iduru għax hawn blind corner.

## 7.0 ATTIVITAJIET GĦALL ISTRINA

7.1 Is-Sindku saqsa lill-Kunsillier Camilleri jekk is-Segretarju kienx bagħatlu l-email rigward l-inizjattiva tal-Istrina. Il-Kunsillier Camilleri semma li din hija sign li titpoġġa f' lokalita għall tlett ijiem u kull minn irrid jitfa fiha żewġ Euro.

## 8.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

8.1 Is-Segretarju semma li kien hemm żewġ pagamenti wieħed li jirrigwarda id-dawl ġdid li sar fil-librerija u s-sistema u fuq is-sistema tal-emerġenza li għamilna fil-Kunsill.

## 9.0 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa tal-Kunsill ġiet fi tmiemha nhar l-Ġimgħa 17 ta' Novembru 2017 fis-6.40 pm. Kien hemm proposta l-Erbgħa 6 ta' Diċembru biex issir il-laqgħa.

Konfermati llum ________________________2017.

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| John Schembri | Michael Portelli |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |